Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell Numru CDP/COMP/319/2021**

Dorothy Baldacchino, Janice Baldacchino, Marylis Borg Baldacchino, Maurizio Baldacchino u Michele Baldacchino

Vs

Carmel D'Amato u Nathalie Spiteri D'Amato

Deċiżjoni 23 ta' Gunju 2022

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra li l-ilment tal-appellati li sar fit-13 ta' Settembru2 021 huwa fis-sens li l-appellanti istallaw numru ta' cameras mal-hajt tal-proprjeta tal-istess appellant pero li jharsu direttament ghal fuq il-proprjeta tal-appellati kif ukoll fuq il-passagg li jifred iz-zewg proprjetajiet.
Ra d-dokumenti esebiti inkluz is-senenza tal-Qorti moghtija mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmel D'Amato et vs Baldacchino Holdings Limited fejn gie stability li l-passagg huwa proprjeta tal-appellanti izda li Baldacchino Holdings Limited ghandha dritt ta' moghtija kif ukoll dritt ta' tranzitu favur il-pubbliku.

Ra d-decizjoni tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tal-4 ta' Jannar 2022 li permezz taghha l-Kummissarju kkonkluda li c-CCTV cameras istallati mill-appellanti jaghtu ghal fuq il-passagg u l-hajt divizorja u ta ghoxrin jum lill-appellanti sabiex jibdlu d-direzzjoni tal-angolu tal-fokus tal-istess CCTV cameras fost provvedimenti ohra.
Ra l-appell tal-appellanti Carmel D'Amato u Nathalie Spiteri D'Amato li permezz tieghu appell fuq zewg agravju. L-ewwel aggravju huwa n-nuqqas ta' applikabilita tar-regolament in vista tac-cirkostanzi u l-fatti ta' dan il-kaz u skond huma ghandha tapplika l-ezenzjoni moghtija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament partikolarment paragrafu ( c) li jipprovdi li dan ir-regolament ma japplikax ghall-ipprocessar ta' data personali (c ) minn persuna fizika waqt attivita purament personali jew fid-dar. hma jikkontendu la l-passagg huwa privat propjeta taghhom huwa passagg privat u jaqa taht it-tifsira ta' "purament personali jew fid-dar" u li minkejja li hemm servitu favur il-pubbliku u s-socjeta Baldacchino Holdings Limited xorta wahda ma jistghax jinghar li l-art in kwistjoni saret pubblika.

L-appellanti jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija mil-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kaz Rynes u li fl-istess sentenza hemm rilevat li *"To the extent that video surveillance such as that at issue in the main proceedings covers even partially, a public space and is accordingly directed outwards from the private setting of the person processing the date in that manner, it cannot be regarded as an activity which is purely 'personal or household' activity for the purposes of the second indent of Article 3(2) of Directive 95/46.*

It-tieni aggravju tal-appellanti huwa li kemmil darba it-Tribunal jaghtihomx ragun fl-ewwel aggravju huma jilmentaw li s-sorveljanza permezz ta' CCTV fuq art privata ma jikkonsistix f' "lawful processing" ai termini tal-artikolu 6(1) tar-Regolament. Huma jikkontendu li dawn il-cameras qed jilhqu ghan u interess legittimu fl-ambitu tal-artikolu 6(1)(d) u (f) tar-regolament u saru minhabba abbuzi fil-passat li jinkludu zvilupp illegali rimi ta' skart inkluz skart tal-kostruzzjoni u hgieg li ikkawza periklu ghall-appellanti u ghal terzi li jaddu minn dan il-passagg u jerga jsemmi l-kaz Rynes fejn il-Qorti Ewropea ikkoncedit li "At the same time, the application of Directive 94/46 makes it possible, where appropriate, to take into account – in accordance, in particular, with Articles 7(f), 11(2) and 13(1)(d) and (g) of that directive – legitimate interests pursued by the controller such as the protection of the property, health and life of his family and himself as in the case of the main proceedings."

Ra d-dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Kummissarju li permezz taghha rrilevat li s-sorveljanza ta' persuni fizici fil-forma ta' video recording hija mahzuna fuq apparat ta' recording device tikkostitwixxi pprocessar ta' data personali a tenur tal-artikolu 2(1) tar-Regolament; u rrefera wkoll ghal kaz Rynes imsemmi hawn fuq liema kaz ikkonferm ali *"l-immagni ta' persuna rregistrata permezz ta' kamera tikkostitwixxi data personali fis-sens tad-dispozizzjoni msemmija fil-punt precedent sa fejn hija tippermetti li tigi identifikata l-persuna kkoncernata"* u jaghmel referenza ghall-artikou 6(1) tar-Regolament dwar il-linji gwidi 3/2019 u 5(2) tal-istess Regolament. Inoltre l-Kummissarju rrileva wkoll li bl-ebda hin l-appellanti ma ssottomettew liema bazi legali qed jistriehu fuqu sabiex jipprocessaw id-data personali ta' kull persuna li qed tghaddi minn dan il-passagg li huwa soggett ghad-dritt ta' moghdija favur il-pubbliku u li ghaldaqstant l-Kummissarju ma setax janalizza jekk l-appellanti fil-fatt kellhomx raguni valida fil-ligi sabiex jipprocessaq din id-data personali.

Ra r-risposta tal-appell tal-appellati li permezz taghha rrilevaw li l-ewwel aggravju huwa infondat stante li l-passagg huwa miftuh ghal pubbliku u destinate ghall-uzu pubbliku u dwar it-tieni agravju huma jikkontendi li dan il-punt l-appellanti qajmuhx f'dan l-istadju u mhux qabel u li skond l-artikolu 26(2) tal-Kap 586 dan it-Tribunal jista jhassar id-decizjoni tal-Kummissarju biss fuq l-erba okkazjonijiet imsemmija fl-istess subartikolu cioe (a) li jkun sar zball materjali dwar il-fatti; (b) li kien hemm zball materjali fil-procedura; (c ) li jkun sar zball fil-ligi; (d) li kien hemm xi illegalita' materjali inkluza l-irragonevolezza jew nuqqas ta' proprozjonalita. Kieku verament il-cameras saru ghas-sigurta tal-appellanti u ta' min jghaddi minn dan il-passagg kieku kienu jsemmuha fir-risposta taghhom lil Kummissarju u mhux f'dan l-istadju.

Ra l-affidavit tal-appellanti Nathalie Spiteri D'Amato u d-dokumenti kollha prodotti.
Sema lil avukati tal-partijiet jikkonsidraw il-kaz

Ikkonsidra

**Dwar l-ewwel aggravju**

Li perleiminjarmanet dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnu fis-27 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet Raymond u Mary Ann konjugi Cutajar vs Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni fir-rigward ta' CCTV cameras.
F'dan l-aggravju l-appellanti jargumentaw li l-passagg huwa proprjeta privata taghhom u ghalhekk huwa ezenti. Huma jsostni li imbilli l-pubbliku ghandu dritt li jghaddi minn dan il-passagg ma jfissirx li dan huwa passagg pubbliku.
Ir-regolament (UE) 2016/679 jipprovdi ezenzjoni tahtt l-artikolu 2(2) ( c) tal-GDPR li jistabbilixxi li "dan ir-regolament ma japplikax ghall-ipprocessar ta' data personali minn persuna fizika waqt attivita purament personali jew fid-dar")
Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Unjoni Ewropeja fil-kaz Frantisek Rynes vs Urad pro Ochranu Osobnich Udaju tal-11 ta' Dicembru 2014 li gie kkwotat anke mill-appellanti fen il-Qorti interpretat din l-ezenzjoni hekk:
"sa fejn sorveljanza bil-vidjo bhal dik inkwistjoni fil-kawza principali tkopri anki parzjalment, spazju pubbliku u minhabba f'hekk tkun diretta il barra mill-isfera privata ta' dak li jwettaq l-

ipprocessar tad-data b'dan il-mezz hija ma tistax titqies li hija attivita purament 'personali jew domestiku' fis-sens tat-tieni inciz tal-artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46.
L-artikolu 4 tal-GDPR jiddefinixxi 'personal data' "*as any information related to an identified or identifiable natural person' so in the context of CCTV , if you are identifiable from the images then those images an be regarded as personal data and the GDPR and Data Protecton Act will apply.* "

Illi l-European Data Protection Board (EDPR) li twaqqaf bis-sahha ta' General Data Protection Regulation fil-Guideline on the processing of personal data thorough video devices jistablixxu l-principju li "*any installed cameras should only record those areas that need to be surveilled.* U jaghti ezempju tipiku ta' hanut bil-kamera installata barra biex timmonitorja l-entratura ta' dan il-hanut u t-twieqi tieghu biex jipprotegi kontra s-serq u l-vandalizmu. Tali guidelines jistabblixxu li "*wherever possible those cameras should not also monitor the pavement or the road outside, since that would mean that personal data of persons who simply pass by and never even enter the shop are being processed which would exceed the purpose of installing such cameras i.e. security. Hence the principle of data minimization – only collecting that data which is strictly necessary – as enshrined by the GDPR plays a key role in video surveillance.*"

Illi f'dan l-appell l-appellanti qed jaqblu li cctv cameras ma ghandhomx ikunu jaghtu ghal spazju pubbliku u difatti jikkwotaw fl-appell taghhom il-Kaz ta' Rynes. Huma qed jikkontendi li l-passagg huwa wiehed privat u l-fatt li l-pubbliku ghandu access ghalih ma jaghmlux passagg pubbliku. Tajjeb jinghad li fil-kaz ta' Rynes li kien jirrigward istallazzjoni ta' CCTV li kienet tirrekordja footage fil-front garden tieghu l-Qorti kienet qalet li d-domestic use exemption ma tapplikax ghax Rynes huwa meqjuz bhala 'kontrollur ta' data personal "*To the extent that video surveillance such as that at issue in the main proceedings covers even partially a public space and is accordingly directed outwards from the private setting of the person processing the data in that manner. It cannot be regarded as an activity which is a purely 'personal or household' activity for the purposes of the second indent of Article 3 (2) of Directive 95/46.*"

Illi dan it-Tribunal ra d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell per Prim Imh Chetcuti, tal-kawza tal-partijiet kawza numru 535/14/1 JVC moghtija fis-26 ta' Mejju 2021 fejn il-Qorti a fol 33 tas-sentenza l-Qorti rriteniet li "*Ghaliex ladarba dak il-proprjetarju jkun ippermetta jew ittollera l-passagg tal-pubbliku ghalkemm huwa jikkonserva d-drittijiet kemm petitorji kif ukoll possessorji tieghu ta' proprjetarju fuq it-triq "si et quatenus" u ghalkemm ebda dritt reali ma jigi b'daqshekk trasferit lil Gvern lill-kollettivita jew lill -individwi 'uti singuli' dik it-triq issir pubblika kwantu ghall-uzu taghha u tinholoq servitu ta' tranzitu.*" (sottolinear ta' dan it-Tribunal).

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistghax jaqbel mal-appellanti meta tghid li l-passagg huwa privat ghax huwa proprjeta taghha u dan ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq.
Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

Dwar it-tieni aggravju, dan it-Tribunal wara li ra r-risposta tal-appellati f'dan ir-rigward u l-konferma mil-Kummisarju fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, fejn irrileva wkoll li bl-ebda hin l-appellanti ma ssottomettew liema bazi legali qed jistriehu fuqu sabiex jipprocessaw id-data personali ta' kull persuna li qed tghaddi minn dan il-passagg li huwa soggett ghad-dritt ta' moghdija favur il-pubbliku u li ghaldaqstant l-Kummissarju ma setax janalizza jekk l-appellanti fil-fatt kellhomx raguni valida fil-ligi sabiex jipprocessaq din id-data personali jiddeciedi billi jichad dan l-aggravju ghar-raguni imsemmija mill-appellati fir-risposta taghhom.
A kull buon fini jigi rilevat li anke kieku sar dan l-ilment mal-Kummissarju, xorta wahda jibqa l-fatt li l-cameras ma jistghux jaghtu ghal dan il-passagg galdarba ghandu access ghalih il-pubbliku u dan ghar-ragunijiet moghtija minn dan it-Tribunal f'din id-decizjoni fosthom li d-domestic use exemption ma tapplikax ghax Rynes huwa meqjuz bhala 'kontrollur ta' data personal *"To the extent that video surveillance such as that at issue in the main proceedings covers even partially a public space and is accordingly directed outwards from the private setting of the person processing the data in that manner. It cannot be regarded as an activity which is a purely 'personal or household' activity for the purposes of the second indent of Article 3 (2) of Directive 95/46."*

Ghaldaqstant l-appell tal-appellanti qed jigi michud u d-decizjoni tal-Kummissarju tal-4 ta' Jannar 2022 konfermata

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru